KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Wieħed u Sittin (61)

## It-Tnejn, 15 ta' April , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**61.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija. Il-Kunsilliera Dr. Josainne Cutajar informat lis-Segretarja li ma tistax tattendi. Din ġiet skużata minn dawk preżenti.

**61.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-sittin (60) laqgħa tal-11, ta' Marzu 2019 u l-minuti tal-Laqgħa Pubblika ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**61.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- Caruana Ltd.

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li fuq l-iskeda tal-pagamenti kien hemm żewġ cekkijiet qodma. Is-Segretarja innotat li dawn bi zvista ma daħħlux f' skeda tas-sena 2018 u qed jidħlu fl-iskeda ta' issa. Kien hemm qbil fuq dan. (Ic-cekkijiet kien no. 17503 u 17504 bl-ammonti ta' 64 euro u 12euro)

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**61.4. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Mozzjonijiet**

***Update ħsarat Daħlet Qorrot u San Blas –*** Is- Sindku innota li saru x-xogħolijiet li kien hemm bzonn fil-bajja ta' Daħlet Qorrot minn naħa tal-Gvern u anke minn naħa tal-Kunsill flimkien. Rigward il-Bajja ta' San Blas ser imorru tal-gvern wara li jitlesta x-xogħolijiet fuq il-Bajja ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil li jsir ix-xoghol li hemm bzonn minn naha tal-Kunsill.

***Urban Greening Project*** – Is-Sindku innota li s-Segretarja Ezekuttiva qed taħdem ma' Xerri's Garden rigward postijiet, planters u sigar flimkien ma' Ambjent Malta biex tiġi imfassla BOQ. Imbgħad tinħareg Offerta.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Wifi4eu Update***- Is-Segretarja innotat li l-Kunsill tan-Nadur intagħżel sabiex jibbenefika minn voucher ta' Eur 15,000 sabiex jiġi nstallat servizz ta' WiFi fil-lokalità tan-Nadur. Dawn ser inkellmuna aktar il quddiem.

***Passaġġ fi Triq Għajn Qasab ir-Ramla.*** Is-Sindku innota li x-xogħol ta' twessiegħ huwa lest fuq dan il-passaġġ.

***AED installation pjazza-*** Is-Segretarja tal-kunsill kellha laqgħa ma Etienne Micallef f'isem il-Gozo Cadets li applikaw għal fondi minn naħa tagħhom biex isir progett li jiġi installat Automated External Defibrillator (AED) fil-Pjazza San u San Pawl. Din il-AED tista' tintuza biex issalva hajja f'kaz ta' attakk tal-qalb.

***Ħaddiem ġdid fuq skema CWS*** – Is-Sindku innota li għandha ħaddiem ġdid, Joseph Bartolo li ser ikun qed jaħdem fuq barra.

***Gemellagg ma' Baveno – Ġita*** - Din ser tkun mit-2 sas-6 ta' Mejju 2019. Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħin f'din il-mawra relatata mal-gemellagg bhal qabel, fi spejjez relatati ma' xi trasport bil-vapuri, vizita kulturali fil-palazz u ikla wahda. Ser jingħata r-refund ta' Baveno lis-Sindku, Viċi Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil fuq dan kollu. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li dan il-Kunsill qed jgħati importanza kbira biex insaħħu t-tlett l-ġemillaġġi u c-Charter.

***Smart Bins***- Dawn gew installati minflokk dawk li kien hemm qabel

***Fuljett tal-Kunsill***- Dan ser ikollu l-messaggi tal-Kunsilliera u daqt inkun lest u jitqassam.

***Dog Bins***- Is-Sindku innota li gew imwaħħla 4 dog bins oħra. Il-Viċi Sindku issuggerixxa li jitwaħħal wieħed fit- tarf ta' Triq Grunju.

## 61.5. Korrispondenza.

(6449) Ittra minghand l-Ghaqda Zghazagh Mnarja dwar kollaborazzjoni fi zmien il-festa- ***Kien hem qbil li l-Kunsill ikun ta' kollaborazzjoni f'din l-attivita' bl-ammont ta' 250euro.***

(6450) Cirkulari SPI/5/19- Rebbiegha fil-Komunita- Xettel 'Ilwine in-Natura

(6451) Ittra minghand Malta Libraries dwar budget allokat ghal librerija

(6452) Ittra minghand St Peter and St Paul Parish Office dwar il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira

(6453) Ittra minghand St Peter and St Paul Parish Office dwar invit ghal koncelebrazzjoni fil-Knisja

(6454) Ittra minghand il-M.U.S.E.U.M female section dwar kollaborazzjoni fit-transport tat-tfal

(6455) E mail minghand DLG dwar smart bins in public spaces

(6456) PQ 9530

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6457) E mail minghand DLG dwar Urbact partners search

(6458) E mail minghand MCCFF dwar book signing by HE

(6459) Cirk AKL 2019/035- Lista ta' Kuntatti ta' Kapijiet tal-Kommunitajiet

(6460) Cirkulari AKL 2019/030- Tahrig fl-Immanigjar tal-Progetti – Prince 2

(6461) Cirkulari AKL 2019/031- Prezentazzjoni ta' donazzjoni MCCF 2018

(6462) E mail minghand Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar List of Processes with legal basis using CdB/CdR

(6463) Cirk AKL 2019/032- Minuti Laqgha tal-Ezekuttiv

(6464) Cirk AKL 2019/012- Hatra ta' DPO Temporarju- ***Bħalissa ġie maqbul li jkun l-iskrivan tal-Kunsill***

(6465) PQ 9789

(6466) Cirk AKL 2019/033- National Conference on the wellbeing of foreign children in Malta

(6467) Ittra ta' ringrazzjament minghand FMVA Vintage Motors Festival 2019

(6468) Komunikat DG/K/5/19- Hatra ta' direttur gdid ghall-Gvern Lokali (Monitoring u Sapport)

(6469) Cirk AKL 2019/036- Guidlines to LC for correct type of bicycle parking racks

(6470) Ittra minghand MGOZ dwar Presidential Visit

(6471) Cirk AKL 2019/037- 2019 EU Health Award for cities, NGOs and schools

(6472) Cirk AKL 2019/038 Malta Pride initiative 2019

(6473) Ittra minghand DLG dwar data tac-Cerimonja ta' Gurament

(6474) SPI/6/2019-Espressjoni ta' nteress għall-programm għaqal id-dar-Ħajja aħjar

(6475) Cirk AKL 2019/039-Inizjattiva b'kolloborazzjoni ma' Heritage Malta- Skema ghall-anzjani

(6476) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-kappillan dwar kollaborazzjoni biex jinbiddlu ħames toqob tal-arbli fit-Triq il-kappillan. ***Kien hemm qbil li l-Kunsill ikun ta' kollaborazzjoni bl-ammont ta' 250euro.***

(6477) Ittra mingħand Għaqda Armar Triq il-Knisja dwar kollaborazzjoni ta' 11 il-toqba godda għall-arbli. ***Kien hemm qbil li l-Kunsill ikun ta' kollaborazzjoni bl-ammont ta' 500euro, u din tkun talba finali f'dawn it-12 il xhar reletat ma' dawn ix-xogholijiet.***

(6478) Ittra minghand il-BOV dwar administrator tal-Internet banking***. Kien hemm qbil li tkun is-Segretarja tal-Kunsil l-administrator.***

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 61.6 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Attivita tat-Tfal*** – Għal din l-attivita' diga hemm madwar 90 tfal interessati. Ser ikun hemm għalliema u first aider prezenti waqt l-attivita'.

***Charter Estonia Annual Meeting 18-22 ta' Lulju 2018–*** Is-Sindku innota li dawk interessati huma l-Viċi Sindku, Is-Segretarja Ezekuttiva, Natalie Cassar, Miriam Grech, Kylie Pace, Kristen Camilleri, Peter Muscat u Mario Mercieca. Hu kompla jgħid li dawn kollha kienu host families jew għenu waqt id-delegazzjoni tac-Charter li sar fin-Nadur.

***Nadur Nadif –*** Is-Sindku issuġġerixa flimkien ma Luke Galea li jkun hemm Clean Up ma' l-iskola fis-16th April fi Triq ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil fuq dan.

***Attivita Librerija*** – Din l-attivita' kienet ta' success kbir.

***Charter Hungary*** – Is-Sindku innota li għal dan ic-Charter ser jattendu Maria Finger u Maria Grech li t-tnejn kienu host family ta' numru kbir ta' nies waqt id-delegazzjoni tac-Charter li kien hawn fin-Nadur.

***Attivita għal Volontiera u Cittadinanza*** – Din l-attivita' ser tkun fis-27 April fis-Sala tal-Kunsill. Ser tingħata tifkira ta' ringrazzjament lil dawn li għenu matul din il-legislatura. Kien hemm qbil fuq dan.

***Clean Up Nadur Nadif*** – Din l-attivita' ser tkun fl-area ta' Kenuna pero mhux bit-tfal ta' l-iskola.

***Wirja Agrarja*** – Is-Sindku innota li din l-attivita' ser tkun fit-22 u 23 ta' Gunju, 2018 u s-Segretarju Parlamentari għall-biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ser jassisti għal din l-attivita'.

***Programm tal-Festa***- Is-Sindku innota li dan il-programm (Wirja Agrarja, attivita' tat-tfal u l-Ikla tradizzjonali) ġie imqassam miegħu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-iskrivan. Ġie maqbul li souvenir jitqassam waqt il-Wirja Agrarja zejt mingħand ir-Ramla Valley.

### 61.7 Proġetti u Xogħolijiet;

***Rural Roads*** – Ser isir talba għal variations u ser nitolbu extension ieħor.

***Triq Zrajk*** – Din lesta u l-Perit ser jagħmel certification fuqha.

***Outdoor Gym*** – Dan ix-xogħol lest fejn tneħħa xi bricks u sar sement għal taħt il-gym equipment.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Murial ta' Xhajma*** – Is-Sindku innota li hemm problema peress li l-kunsill sar jaf li x'aktarx il-ħajt hu ta' xi proprjetarju.

***M4.4*** – Ħitan tas-sejjieħ – Qed isir survey fuq Daħlet Qorrot.

***Triq il-Madonna ta' Lourdes***- Kien hemm qbil li isir survey u livelli fuq din il-Patch li qed tagħmel ħsara lir-residenti meta tkun ix-xita.

***Roundabout fi Triq it-Tramunatana***- ELC għamlu ix-xogħol fuq din ir-roundabout u ġiet sabiħa ħafna.

***Puntun ta' Daħlet Qorrot***- Dan ġie irranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 61.8 Offerti Pubblici;

***NLC/04/2019- Tender for the hire of a low emission van and or truck for the Nadur Local Council***. Is-Sindku ħareg barra mill-laqgħa dan il-ħin. Kien hemm offerta waħda li kienet konformi ta' Peter Paul Said – bl-ammont ta' 8euro /hrexcl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***Is-Sindku reggħa daħal għal laqgħa***.

***NLC/03/2019- Tender for the Supply of cold asphalt*** – Kien hemm offerta waħda li kienet konformi ta' Gatt Tarmac Ltd bl-ammont ta' 85euro /tonnage excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/07/2019- Call for quotations for a PA system for Mnarja 2019-*** Kien hemm erbgħa kwotazzjonijiet. L-orħos offerta u li kienet konformi kienet ta' Cloud 9 bl-ammont ta' 863euro excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/06/19- Call for quotations for a lighting system for Mnarja 2019***- kien hemm żewġ offerti- L-orħos offerta u li kienet konformi kienet ta' D Illumination bl-ammont ta' 1,595euro excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/05/2019- Call for the quotations for street cleaning for Mnarja 2019***- kien hemm offerti. Din l-offerta kienet konformi ta' Maria Magro bl-ammont ta'4,100euro excl. VAT. li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 61.9 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

Talba għal kollaborazzjoni flimkien ma' MBC fil-video ta' Show fit-Teatru MBC minn Annette Portelli Said u Rebecca Bonello. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal dawl waqt il-purcissjoni tal-Gimgħa l-Kbira fit-toroq u siġġijiet. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba biex titnaddaf Triq Anton Tabone bis-Street Sweeper miz-zrar. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba biex titranga Triq Wied ir-Rihan bit- torba u sement. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba mingħand il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għal yellow lines fi Triq il-Plier. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal yellow lines fi Triq Ħida. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal  tabella no parking fi Triq ta' Majza (ma' sqaq).  Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal bozza fi sqaq Majza tal-familja Bonello. Is-Sindku innota li Enemalta qed jgħidu li dan qiegħed fi sqaq privat li mhux il-kaz. Is-Sindku issuġġerixxa li jsir Solar bulbs. Kien hemm suġġeriment biex l-ewwel nerggħu nibgħatu lil Enemalta jaraw sew fuq dan l-isqaq peress li mhux privat.

Talba mingħand il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri dwar bankina fi Triq Duru tal-familja Zerafa. Kien hem qbi fuq dan.

Talba mingħand il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għal yellow lines fi Triq Arc. Saver Cassar. Kien hemm qbil fuq dan.

Talba għal rampa ġdida fi Triq Fatima mingħand il-familja Caruana. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku innota li inxtraw bullards għal go Pjazza Dun Martin Camilleri u għal Pjazza San Pietru u San Pawl.

Is-Sindku innota ukoll li qed jinqata' ħaxix minn persuni barra l-ħaddiema tal-kunsill  biex jitlaħħaq ix-xogħol.

## 61.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju, 2019 fil-5:30pm. Is-Sindku innota li minħabba l-FS ser ikollna nagħmlu laqgħa b'urgenza fil-granet li ġejjin.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva